## 4 ta' Gunju, 1948.

**Imħallef :**

**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Dr. George Vassallo ne. *versus* Carmelo Bellizzi ne. (*)**

## Bejgħ "in danno" — Riżoluzzjoni tal-Bejgħ — Danni — Art. 1488, 1112 (2) u 1168 tal-Kodiċi Ċivili.

*Meta l-bejgħ huwa ta' merkanzija jew ħaġa mobili, ix-xoljiment tal-bejgħ, avvolja l-kondizzjoni riżolutiva ma tkunx miftehma espressament, isir "ipso jure" fl-interess tal-bejjiegħ, jekk ix-xerrej, qabel l-għeluq taż-żmien miftiehem għall-konsenja tal-ħaġa, ma jmurx biex jirċeviha jew, għad li jmur biex jirċeviha, ma joffrix fl-istess ħin il-ħlas tal-prezz, kemm il-darba ma jkunx ġie miftiehem żmien għal dak il-ħlas.*

*U jekk il-bejjiegħ ma jkunx inadempjenti, huwa għandu dritt għad-danni, anki jekk ikun ipprevalixxa ruħu mill-kondizzjoni riżolutiva. U jekk iċ-ċirkustanzi tal-każ ikunu jiġġustifikawh, huwa jista' wkoll jordna l-bejgħ "in danno" tal-merkanzija u jirreklama d-danni kontra l-venditur, wara li jkun ikkunsidra ruħu maħlul mill-bejgħ—danni konsistenti fid-differenza bejn il-prezz miftiehem max-xerrej u l-prezz li jiġi realizzat minn dak il-bejgħ, biż-żieda ta' l-ispejjeż li jkun inkorra biex sar dak il-bejgħ.*

L-attur fit-taħrika qal li d-ditta konvenuta xtrat, separatament u mingħajr patti speċjali (li wara allegat), partita ġewż u partita qastan minn għandu nomine, bil-prezz ta' £1,000 għal 10 tunnellati ġewż u bil-prezz ta' £175 għal 5 tunellati qastan; u li d-ditta attriċi spediet il-ġewż bil-vapur "Concordia" u l-qastan bil-vapur "Città di Messina", ċjoè 100 kwintal ġewż u 5010 kilos qastan, u t-tnejn waslu regolarment; u li d-ditta konvenuta rċeviet il-qastan u ħalsitu £175, u illegalment u bla ebda raġuni rrifjutat il-ġewż u kkanċellat il-kreditu relativ ta' £1.000, bil-pretensjoni li ż-żewġ partiti kellhom jaslu f'vapur uniku, mentri mill-korrispondenza kollha jirriżulta l-kuntrarju; u li wara r-rifjut il-ġewż ġie mibjugħ "in danno", wara protest formali, u ġieb prezz nett £883. 18. 2, u hekk telf ta' £116. 1. 10; u li rriżultaw neqsin 85 kilos, u hekk hemm lok għar-riduzzjoni tal-prezz relativ ta' £8. 10. 0 a bażi ta' £100 t-tunnellata ta' 1000 kilos; u

---

(*) Konfermata fl-Appell 4. 4. '49.

talab li, prevja, jekk hemm bżonn dikjarazzjoni li r-rifjut tal-konvenut kien bla ebda bażi, u wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, dina l-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabili tad-danni lejh, u prevja dikjarazzjoni u likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' £107. 11. 10, bl-aġġunta ta' l-ispejjeż żejda inkorsi fil-bejgħ "in danno", jew somma verjuri, il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lilu nomine s-somma hekk likwidata in linea ta' danni; bl-imgħax legali kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest fl-ismijiet "Warner vs. Bellizzi" tal-25 ta' Novembru 1947;

*Omissis:*

Mill-kumpless tal-provi rriżulta li l-konvenut talab li jixtri ġewż minn għand id-ditta attriċi, u bi skambju ta' telegrammi tat-23 u l-24 ta' Ottubru 1947 ġie konkjuż l-akkordju għax-xiri u bejgħ ta' 10 tunnellati ġewż bil-£100 it-tunellata. Bi skambju ieħor ta' telegrammi tal-25 u s-26 ta' Ottubru 1947 sar negozju ieħor tal-qastan; u fiż-żewġ negozji l-konvenut wiegħed il-ftuħ tal-kreditu. Iż-żewġ negozji saru separatament u f'dati differenti, u għalhekk ma kienux subordinati wieħed ma' l-ieħor. Meta l-konvenut għamel il-ftuħ tal-kreditu għamel kondizzjoni ġdida f'dak il-kreditu, li kellha ssir spedizzjoni waħda sew tal-ġewż kemm tal-qastan. Dina l-kondizzjoni l-ġdida ma ġietx aċċettata mid-ditta attriċi, li mill-ewl jidher injoratha; u ċertament il-konvenut wara l-konkużjoni tan-negozju ma kellux dritt iżid kondizzjonijiet ġodda minn rajh. Fl-aħħar mill-aħħar, il-ftuħ tal-kreditu ma kienx ħlief "modus solutionis", li ma jaffettax il-bejgħ u x-xiri proprju;

Intant iż-żewġ partiti ġew mibjugħa separatament b'valuri differenti, u meta wasal il-qastan il-konvenut aċċettah u ħallsu; iżda meta wara wasal il-ġewż, il-konvenut ippretenda r-roħs tal-prezz, u hedded li jekk ma jieħux ir-roħs, ma jaċċettax il-ġewż, għax ippretenda li dan messu ġie mibgħut mal-qastan. Iżda dina l-pretensjoni ma kienetx fondata fir-raġuni; għax kif ġie rilevat, il-konvenut kien għamel in-negozju tal-ġewż separatament minn dak tal-qastan, mingħajr il-patt ta' spedizzjoni taż-żewġ partiti f'daqqa; u għalhekk ma setax unilateralment iżid kondizzjonijiet ġodda u bihom jorbot lid-ditta attriċi. Għaldaqstant il-konvenut kien fl-ob-

ligru li jirċievi l-ġewż u jħallsu. Iżda peress li l-konvenut irrifjuta li jirċievi l-ġewż, id-ditta attriċi biegħet il-ġewż "a danno", wara li ħassiet il-bejgħ, u b'hekk sofriet ħsara li qiegħda titlob f'din il-kawża;

Il-Qorti tosserva li skond l-art. 1488 tal-Kodiċi Ċivili, "meta l-bejgħ hu ta' merkanzija jew ta' ħwejjeġ oħra mobili, il-ħali tal-bejgħ, għalkemm il-kondizzjoni riżolutiva ma tkunx miftiehma espressament, isir "ipso jure" fl-interess tal-bejjiegħ, jekk ix-xerrej, qabel l-għeluq taż-żmien miftiehem għall-kunsinna tal-ħaġa, ma jmurx biex jirċeviha, inkella, għad li jmur biex jirċeviha, ma joffrix fl-istess ħin il-ħlas tal-prezz, kemm il-darba ma jkunx ġie miftiehem żmien għal dan il-ħlas". Għaldaqstant, meta l-konvenut irrifjuta l-merkanzija u ma riedx iħallas prezzha, il-bejgħ inħall "ipso jure" favur id-ditta attriċi. Iżda d-ditta attriċi l-ebda ħtija ma kellha; u la da parti tagħha kienet adempiet l-obligazzjoni, kellha wkoll l-azzjoni tad-danni. U tabilħaqq, l-art. 1112 (2) tal-Kodiċi Ċivili jagħti, kontra min jonqos għall-obligazzjoni tiegħu, l-azzjoni tad-danni favur il-parti li tkun adempiet l-obligazzjoni, anki meta jkun hemm lok għar-riżoluzzjoni ta' l-obligazzjoni favur il-parti adempjenti. U skond l-art. 1168 tal-Kodiċi Ċivili, "kull min jonqos li jeżegwixxi obligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta hu obligat għad-danni";

Għalhekk hu applikabili għal-ligi tagħna wkoll it-tagħlim tal-Vivante, li jgħid:— "Il venditore adempiente che senza colpa dovette vendere a un prezzo inferiore a quello di mercato, p. es. per l'urgenza di sgombrare i suoi magazzeni, per impedire il deperimento della merce, avrà diritto alla differenza tra il prezzo pattuito e quello di rivendizione, oltre il rimborso delle spese, p. es. di custodia, d'assicurazione, che avrebbe evitato se la merce fosse stata ritirata puntualmente" (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. IV, n. 1702, pag. 184);

Għaldaqstant id-ditta attriċi setgħet, fiċ-ċirkustanzi li ġew rilevati, tordna l-bejgħ "a danno", wara li kkunsidrat ruħha maħlula mill-obligazzjoni, u titlob il-ħsara, konsistenti fid-differenza tal-prezz u fl-ispejjeż li kellha tagħmel ħtijiet tal-konvenut. Id-differenza tal-pezz kienet £100, għax il-ġewż inbiegħ £10 t-tunellata anqas milli kien mibjugħ lill-konve-

nut; u hawn Malta nstab nuqqas ta' 85 kili, li ċertament ma għandux iżjed għad-dennu tal-konvenut. L-ispejjeż li d-ditta attriċi sofriet bħsijiet tal-konvenut jilħqu £8. 8. 10 (dok. fol. 21). B'kollox għalhekk il-konvenut għandu jirrifondi lill-attur nomine £108. 8. 10:

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet limitatament għal £108. 8. 10; bl-imgħax millum u bl-ispejjeż.